

# Il-Festa ta' Sta. Elena f'1950

***Miktuba minn Joe Debono Grech***

Meta kont qiegħed inqalleb fil-minuti, l-ittri u l-korrispondenza li kellu missieri, sibt noti li kellhom x'jaqsmu mal-festa li kella ssir fis-sena 1950, propju wara 14 'il sena li kienet ila ma ssir. Għalhekk kulħadd kien qiegħed jaħseb biex dik is-sena l-festa tkun speċjali u akbar minħabba li kienet ilha ma ssir u kif ukoll f'dik is-sena l-Kolleġjata ġie mgħollija għal dinjita` ta' Bażilika.



L-Arċimatriċi mbarrata bil-ġebel mill-Karkariżi minħabba li ttieħdu d-drittijiet tagħna il-Karkariżi.

Il-Kapitlu dak inhar kien iddeċieda li l-festa ssir filgħaxija u barra hekk issir il-Ħadd fl-20 ta' Awissu 1950, u mhux fil-ġurnata propja tagħha, jiġifieri fit-18 ta' Awissu 1950. Meta s-Soċjeta` Dun Filippu Borgia ġiet mgħarfa b'dan, immedjatament issejħet seduta fejn wara li ġiet studjata sew din il-proposta, is-soċjeta` ma qablitx li tiċċaqlaq id-data u kif ukoll li ssir filgħaxija. Is-Soċjeta` sostniet skond il-korrispondenza li rajt, li jekk is-sena kellha tkun waħda speċjali aktar u aktar kellhom jinżammu d-drittijiet li kellha l-kolleġjata li l-purċissjoni bl-istatwa issir filgħodu bil-quddiesa Prepositali immedjatament wara u bil-festa ssir fil-ġurnata tagħha.

Dan is-Soċjeta` ma riditx tgħamlu b'kapriċċ, iżda wara li ħadet pariri mingħand l-avukat Taljan Alessandrini li ssuġerrixxa li billi kien għad baqa xi affarijiet pendenti fil-kawża, hu ma xtaqx inċaqalqu xi drittijeit li jistgħu jippreġudikaw il-kawża 'il quddiem. Wara li l-Kapitlu tal-Kolleġġjata ġie mgħarraf b'dawn id-diffikultajiet, kemm is-soċjeta` u kemm il-Kapitlu ħadu pariri fuq din il-materja minn nies esperti, fuq is-suġġett. Is-suġġerimenti fuq din il-kwistjoni ġew milqugħin mis-Soċjeta` Dun Filippu Borgia. Dawn kienu li għal dik is-sena biss il-festa tiċċaqlaq għall-ewwel Ħadd fuq it-18 ta' Awissu 1950, u l-purċissjoni bl-Istatwa ssir filgħaxija, basta f'jum il-festa filgħodu ssir purċissjoni Prepositali bir-relikwa ta' Sta. Elena u immedjatament wara ssir il-quddiesa Prepositali, biex dan id-dritt jibqa mhux mittiefes.

Ftit qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lill-Kapitlu, lit-tlett Baned, l-Għaqdiet u lill-poplu Karkariż tat-tislima li ta lil missieri Karmenu u wrewh l-istima u rinngrazzjament tagħhom għal dak kolli li għamel għal Birkirkara speċjalment għall-Kolleġjata li tant kien ħadem għaliha. Fl-aħħar u mhux l-inqas lill-Banda Sta. Elena li tagħha kien Segretarju u President Onorarju u li tant kien iħobb, li akkumpanjatu u wasslitu sal-knisja fil-funeral tiegħu.

L-Appell tiegħi imur lejn il-Karkariżi kollha speċjalment liż-żgħażagħ, biex naħdmu ħalli dak li ħallewlna missirijietna inżommuh u ngħożżuh ħalli ngħadduh lil ta' warajna kif ħadnih aħna. Nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd.

Fl-okkażżjoni tat-Tberik ta' l-Istrumenti l-Ġodda

# Tal-BANDA ST. ELENA, B'KARA

## 29 TA' GUNJU 1950.

Annu kien sabiħ u ħelu
Annu veru ffurtunat
Għall-pajjiż ta' Birkirkara
Meta banda ġdida armat.
Fl-Elf Disa Mija u Dsatax
Armat darba u ma żżarmax.

Bħala siġra fl-isbaħ ġonna
Bdejt tagħmel fjuri ħelwin
Riħa jarmu, qlub iħennu
Minn ta' balzmu l-iżjed fin.
Imsoqqija b'ilma pur
Lil Pajjiżek tajt unur.

Int O banda ffurtunata
X'isem tawk kemm hu sabiħ
Kumitat, Soċi u Bandisti
Dan l-isem ferħanin bih.
Tant għoġobhom jonorawk
'St. Elena' isem tawk.

Int O banda x-xorti kellek
Isem tawk ta' din l-qaddisa
Ismek juri l-kobor tiegħek
Juri li int Karkariża.
Int tirrendi n-nies ħenjin
Allegrużi u ferħanin.

Bdejt imbagħad tiġi mistiedna
Ġo l-irħula, ġo l-ibliet
Bdejt tagħmel l-aqwa programmi
U ddoqq l-isbaħ marċijiet.
Min jisimgħek jieħu gost
Iddoqq dejjem fl-isbaħ post.

Bdejt ukoll tagħmel xi safra
Kbar rigali bdew ituk
Anke wkoll baned minn barra
F'Pajjiżek ġew iżuruk.
Lil kulħadd tati pjaċir
Għalhekk ituk dan it-tifħir.

Bdejt ukoll kostumi tagħmel
Fil-ġranet tal-Karnival
Dejjem tieħu l-ewwel premju
Baned oħra jieħdu l-fdal.
U ma setgħu jgħadduk qatt
L-ewwel ma ħadulek ħatt.

Planċier sabiħ għamilnilek
Il-partit kollu jistmak
Meta tagħmel xi programmi
Paxxuta fuqu jarak.
Sabiħ ħafna u spazjuż
Modern ħafna u lussuż.

Sabiex żgur xejn ma jkun jonqsok
U f'kollox tkun superjura
Ġibnielek li xtaqet qalbek
Mill-isbaħ strumentatura.
Metal abjad ġie ppreferit
Għax hekk għoġob lill-partit.

Data tibqa' memorabbli
U stampata f'qalb kulħadd
Id-disgħa u għoxrin ta' Ġunju
Jum li ma jintesa qatt.
Jum ta' hena u dgawdija
Jum ta' ferħ u allegrija.

Viva l-banda 'St. Elena'
Unur ħaqqha f'kull għamil
Kumitat, Soċi u Bandisti
U s-Surmast G. Busuttil.
F'dan il-jum kulħadd daħkan
Il-poplu kollu ferħan.

Viva l-Karkariżi kollha
Għaliex ħaqqna unur kbir
Lil ħaddieħor nagħtu eżempju
Biex lilna jgħatu tifħir
Hekk inkomplu navvanzaw
Pajjiżna fil-ġid naraw.

INDIPENDENT




## JUM SANTA LIENA

**Oriġinal ta' Ġuż. Dimech DeBono mxandar mill-Moviment tal Malti minn fuq ir-Rediffusion nhar id-19 ta' Awissu 1950.**

Għalkemm din is-sena jum il-festa ta' Santa Liena ġie magħżul biex ikun għada, il-Ħadd ħalli wara 14 il-sena titgawda minn kulħadd li mbagħad bil-ħaqq kollu jkun jista jgħid:—

F'ta' l-art ġenna sfat mibdula
Mingħajr dubju, Birkirkara
Għaliex festa kien hemm ml-aqwa
Tassew kbira — fiha x'tara.

b'dana kollu Jum Santa Liena jibqa dejjem il-jum tal-bieraħ — jum it-18 t'Awissu.

U x'interess speċjali jista Jum Santa Liena jfakkarna fih?

Is, altru li għalina l-Maltin — bħalma ma dan kollu għal kull ġens ieħor — hu ta' nteress speċjali, la b'jum Santa Liena, aħna nifhmu b'Jum dik Santa Liena li għaliha hija msemmija kull Santa Liena oħra; bħal Santa Liena ta' Wales, Santa Liena ta' Skofda, Beata Elena Enselmini eċċ. eċċ.

Mela biex nibdew, ngħidu li Santa Liena, li fiha jfakkarna Jum Santa Liena, kienet bint is-sultan Koelju, fundatur ta' Colchester, illi meta minn prinċipessa Ngliża laħqet mperatriċi ta' Ruma, fis ħasbet:—

Sabiex tmiem tixrid id-dmija
Tara f'Dinja Nisranija.

U fortunatament Malta kienet tagħmel sehem minn din id-Dinja Nisranija li għaliha aqwa mn'hekk l-istess Qaddisa:—

Ġiet magħżula biex issib
L-Għuda Mqaddsa tas-Salib.

(ikompli)

## JUM SANTA LIENA

Dan kien fis-Seklu IV, għax Santa Liena n-nfisha mietet fit-18 t'Awissu tas-Sena 328, iġifieri elf sitt mija u tnejn u għoxrin sena ilu.

Mis-Sema, imma, fejn tinsab hija baqgħet tħarisna dejjem, għax hekku meta tul l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 Mustafa' u Pjali' għażlu Jum Santa Liena biex fih huma attakkaw il-Birgu u lill-Isla f'daqqa, x'fatta huma tħarbtu, avolja b'għadd wisq akbar huma tqabdu nhar u lejl.

Dana ġara' lilhom bħalma sekli qabel ġara' lil Massenzju ma' Kostantinu, bin Santa Liena.

Għax għal talb Missierijietna,
'L Alla talbet fis bis-sħieħ
Sabiex Dinhu — Din is-Sewwa
Ukoll f'Malta jkun rebbieħ.

Mn'hinn il hawn għaddew bosta snin. U assedju ieħor fi gwerra akbar — tassew akbar tfaċċa. Xejn ikel x'nieklu, imma bombi għal fuqna kien hemm ħafna. Niket u taqtiegħ il-qalb ma' kullimkien. Festi baħħ...... sal-Qniepen tal-Knejjes kellhom jieqfu mis-servizz mhux ftit meħtieġ tagħhom billi fil-Knejjes u barra mill-Knejjes huma kienu jheġġuna biex ningħaqdu f'radd ta' talb u ħajr lill-Alla kif ukoll f'ta talb b'risq minn darba għal dejjem qed iħallina jew diġa' ħalliena.

Fl-aħħarnett jasal Jum Santa Liena — Jum Santa Liena fis-sena 1943 u fih l-Awtoritajjiet Ekklesjastiċi tagħna sabu li setgħu jgħarrfuna b'ferħ liema bħalu li l-Qniepen sa jerġgħu jdoqqu b'turija li l-għawġ tbiegħed u li r-**raiders passed**...tassew.

U hekk mn'hawna sgur li jiena
Urejt ċar kif Santa Liena

(ikompli)

## "IL-LUM"
### (ĠIEĦ LIL SANT' ELENA)

Il-lum! Wasalt sa fl-aħħar
Ilek is-snin mixtieq
Il-ferħ il-ħeġġa 'l-benna
Xhieda huma ġo' kull trieq.

Il-lum ferħana qalbna
Fost briju, fost tiżjin;
Il-lum bis-sliem bil-għana
Nitgħannqu ma' xulxin.

Pajjiżna kollu mdawwal,
Triqatna kollha mżejna,
Il-lum xi ferħ iħossu
Ukoll dawk l'huma msejkna

Il-lum tant huwa ħelu
Li jnissi ħafna morr;
Il-lum bil-ġwienaħ ruħna
Fuqhom il-paċi ġġorr.

Il-lum nistiednu mela
Lill-ħbieb u lil kullħadd.
Ejjew itgħannqu magħna
Tgħannieqa bħalha qatt

B'hekk aħna nkunu nħossu
Ġo qlubna għaxqit il-ġenna.
U meta l-ġenna hi magħna
Min jiċħad lilna l-benna?

Ħaqqek ja "Il-lum" dil-festa
Għax int il-jum tant kbir
Li fih jagħtu d-devoti
Lil Lieni kull tifħir.

Tifħir ġo l-knisja w barra;
Tifħir mill-moħħ u l-qalb;
Tifħir ta' qima l-għoti;
Tifħir li jfisser talb.

"Il-lum" mela ġo qalbna
Ngħożżuh bil-kbir u sewwa;
B'hekk il-Patruna tagħna
Fina nħossuha ħlewwa.

Ħlewwa li taf lis-Sema,
Ħlewwa li taf lill-art,
Ħlewwa li tagħti s-saħħa
Li tbiegħed lil kull mard.

Ilkoll ta' Karkariżi
Ilkoll ta' Elenjani
Ninħarqu b'dik l-imħabba
L-Imħabba tan-nisrani
Nitolbuk sabiex timliena
B'din l-imħabba, Santa Liena.

BALDASSARE ARMATO.

B'Kara 26/7/50.

*Programm tal-Festa Sant' Elena 1950*



Il-Kuruna tad-deheb miġbura minn għand il-poplu Karkariż maħduma mid-ditta Carm. Mizzi.

1. L-Ewwel tat-Tridu, l-Erbgħa 16 ta' Awissu: Programm tal-Marċi La Venezjana mill-Banda **"St. Helena"** mat-toroq ta' B'kara.

2. Lejliet il-Festa, s-Sibt 19 ta' Awissu, 1950: Fit-8 a.m. Programm tal-Marċi ġodda li l-Banda "St. Helena" sejra tagħmel mat-toroq prinċipali ta' B'kara.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marcia | GOOD OLD PAUL | **Cav. J. Busuttil.** |
| 2. | " | HAPPINESS RETURNED | **Cav. J. Busuttil.** |
| 3. | " | GAUCI'S CLIQUE | **J. Mamo.** |
| 4. | " | JUARES | **Schettino.** |
| 5. | " | ALTAR OF ROSES | **L. Bongailas.** |
| 6. | " | VALENZIA 1950 | **J. Mifsud.** |
| 7. | " | St. HELEN CELEBRATIONS | **C. Zammit.** |
| 8. | " | MOTHER OF GRACES | **L. Bongailas.** |

3. Fis-7.30 p.m. Programm mużikali mill-Banda "St. Helena" ħdejn il-Knisja wara li tispiċċa mill-Marċi.

INNU TAL-PAPA

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Solennelle—1812—Overture | TCHAISKOWSKY. |
| 2. | Innu—**Lil St. Elena Imp. Aug.** | Chev. J. BUSUTTIL. |
| 3. | Fantasia—**Turandot** | GIORDANO. |

INNU TAL-BANDA "St. HELENA".

INNU MALTI. GOD SAVE THE KING.

L-aħħar tat-Tridu, il-Ġimgħa 18 ta' Awissu, fit-8 p.m. Marċ a La Venezjana mar-raħal kollu mill-Banda **"Duke of Connaught"** bl-Istatwa ta' Costantino Magno, bil-Marċi ġodda li ġejjin:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Marcia | FIORENTINA | **Capt. A. Aquilina** |
| 2. | " | DAWK TAGĦNA | " " " |
| 3. | " | SURGIG | " " " |
| 4. | " | NAKKU | " " " |
| 5. | " | GRAND DUKE | " " " |
| 6. | " | 1865 | " " " |
| 7. | " | OTTI SICILIANI | **V. Attard.** |
| 8. | " | I WANT TO SAY | " |
| 9. | " | ALBORADA | " |
| 10. | " | COSTANTINO | **G. Martin.** |
| 11. | " | ELENA | " |
| 12. | " | CANNAPEAUX | " |

Nhar il-Festa, l-Ħadd, 20 ta' Awissu fis-6 p.m. Marċ minn High Street sal Pjazza fejn il-Banda "Duke of Connaught" iddoqq l-Innu popolari ta' S. ELENA, mużika tal-Prof. R. RICCI surmast antik ta' l-istess Banda, bil-vuċijiet u kant tat-tfal.

**INNU POPOLARI LIL SANT' ELENA**

*(li jitkanta wara l-Benedizzjoni fil-granet tat-Tridu)*

Għaġeb kbir, o Santa Liena,
Kien ir-risq li inti ġibt,
Meta mort fuq il-Kalvarju
U s-Salib ta' Kristu sibt.

*Rit.* Insellmulek, ja Sultana,
Xempju haj ta' l-ommijiet.
Inti ġieħ tal-Knisja tagħna, } *bis*

Kien id-dawl tal-ħniena t'Alla
Lili nebbħek kif iġġib
Sliem u saħħa lill-Imperu
Minn dik l-Għuda tas-Salib.

*Rit.* Insellmulek......

Issa Dak, li biex jifdina,
Fuq dik l-Għuda bata u miet,
Tellgħek tiddi bħala kewkba
Ta' Saltnatu fis-smewwiet.
*Rit.* Insellmulek......

DUN KARM.

# PROGRAMM
## FESTI TA' ĠEWWA

**16, 17, 18 ta' AWISSU, ĠRANET TAT-TRIDU**

0 a.m. Quddiesa letta bit-tqarbina.
5 a.m. Quddiesa kantata bil-vuċijiet.
) p.m. Vespri bil-vuċijiet u Kompieta, Priedka mis-Saċ. Dun Pawl Galea, Kurunella, Innu, Antifona u Benedizzjoni Sagramentali, bil-mużika. Wara jitkanta l-Innu Popolari ġdid ta' Sant'Elena, ta' "Dun Karm."

**19 TA' AWISSU, LEJLET IL-FESTA**

7.00 a.m. Kant tal-Martiroloġju, Kant ta' Terza, Quddiesa kantata bil-mużika. Wara r-Revmu. Prepositu u Arċipriet, Kan. Em. Vella, D.D., Ph.D., J.C.B., Kappillan Kunventwali ta' l-Ordni Ġerosolmitan, ilibbes il-kuruna, iċ-ċinturin u s-sandli tad-deheb lill-istatwa ta' l-Imperatriċi Awgusta Sant'Elena imbagħad jintona Te Deum solenni u titkanta l-Antifona.
5.30 p.m. Traslazzjoni solenni tar-Relikwja ta' Sant'Elena mill-Knisja Filjali ta' San Pawl għall-Bażilka mir-Revmu. Kan Prepostu Arċipriet flimkien mar-Revmu. Kapitlu, I Vespri solenni. Kompieta u Benedizzjoni Sagramentali.

**20 TA' AWISSU, NHAR IL-FESTA.**

5.00 a.m. Matutin solenni.
8.30 a.m. Jasal Mons. Arċisqof. Kant ta' Terza, Quddiesa Pontifikali mill-Eċċza. Tiegħu Revma. Mons. Arċisqof Sir Mich. Gonzi. D.D., J.C.D., B.Litt., G.C.O.J.. Assistent fit-Tron tal-Papa, Bali ta' l-Ordni Ġerosolmitan. Wara l-Vanġelu jinseġ it-tifħir tal-Patruna l-Wisq Revdu. Kan. Benedetto N. Fsadni. D.D.. Wara l-Quddiesa ssir il-Proċessjoni Sagramentali tat-tielet Ħadd tax-xahar.
5.00 p.m. II Vespri solenni, Kompieta, Proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' Sant'Elena, Antifona, Bened. Sagramentali
N.B.—Il-mużika kollha tkun diretta mill-Maestro di Cappella, is-Surmast Gius. Camilleri.

***NIRRINGRAZZJAW.***

**Lil dawk kollha li kitbu poeżiji, programmi ta' baned, u affarijiet oħra f'dan il-programm tal-festa ta' Sant'Elena, u fl-aħħarnett lil dawk li taw l-għajnuna tagħhom bl-avviżi li offrewlna.**

# PROGRAMM

## FESTI TA' BARRA

**16 TA' AWISSU.**

8.00 p.m. Il-Banda S. Elena taghmel marċ mat-triqat ta' B'kara. Illuminazzjoni parzjali.

**17 TA' AWISSU**

8.00 p.m. Il-Banda S. Ġorġ ta Hal Qormi taghmel marċ minn Msida Str. għal St. Helen's Square. Illuminazzjoni parzjali.

**18 TA' AWISSU.**

7.30 p.m. Is-St. Julian's Band taghmel marċ minn Braret Str. għal St. Francis' Square, fejn iddoqq programm.

8.00 p.m. Il-Banda Duke of Connaught taghmel marċ minn Fleur-de-Lys għal St. Helen's Square, fejn iddoqq programm. Illuminazzjoni parzjali.

**19 TA' AWISSU.**

8.00 a.m. Il-Banda S. Elena taghmel marċ mat-triqat ta' B'kara.

7.30 p.m. Iż-Żurrieq Band taghmel marċ minn Braret Str. għal St. Francis' Square.

8.00 p.m. Is-Sliema Band taghmel marċ minn Fleur-de-Lys għal Dyers' Street.

8.30 p.m. Il-Banda S. Elena taghmel marċ minn High Street għal St. Helen's Square. Wara l-marċ kull Banda ddoqq Programm. Illuminazzjoni ġenerali.

10.30 p.m. Logħob tan-nar fil-Pjazza S. Elena.

**20 TA' AWISSU.**

Dawn il-Baned jagħmlu marċ u programm:

4.30 p.m. Zeitun Band minn St. Julian's Street għal St. Roque's Street.

5.00 p.m. Id-De Paola Band ta' Raħal Ġdid minn Anġlu Mallia Str. għal Braret Street.

5.00 p.m. Il-Banda Piju X. ta' Hal-Lija minn Valley Roal għal Dyers' Street.

5.00 p.m. Il-Banda Duke of Connaught minn High Street għal St. Francis' Square.

.00 p.m. Il-King's Own Band minn High Street għal St. Helen's Square.

.30 p.m. Il-Banda La Vallette minn Mannarino Road għal Valley Road. Illuminazzjoni ġenerali mat-triqat kollha ta' B'kara.

---

### JUM SANTA LIENA

Talbna semgħet sa f'kull żmien;
Talbna semgħet kullimkien.

Għalhekk mhux ta' b'xejn li, għalkemm aħna m'għandniex xi waħda mill-Gżejjer tagħna jisimha għal din il-Qaddisa, bħalma fost l-oħrajn hi l-Gżira Santa Liena fl-Atlantiku, il-Gżira Santa Liena lejn South Carolina, l-Amerka u l-Gżira Ellen f'Loch Katrine, l-Iskozja; u l-anqas m'għandna xi provinċji, bliet, portijiet u postijiet oħra bħal St. Helen u Elstow (minn Helenstow) fl-Ingilterra, St. Helen's fl-Isle of White, St. Helen's Bay fis-South Africa, St. Helen's Mount fl-Amerka, Helensburgh u Port Ellen fl-Iskozja, Helensville fi New Zealand, Helen Bay fiċ-Ċina, Helen Reef fl-East India Islands, Elenopli fil-Palestina u Elenopli fl-Asja Minuri, Eileensburg fil-Ġermanja, Elena fil-Kanada u 14 il-belt oħra bħalha jisimhom "Elena" f'Montana, fl-Arkansas, f'Alabama, f'Kalifornja, f'Georgia, f'Kentucky, f'Michigan, f'Missouri, f'Nevada, f'North Dakota, fi New York, f'Ohio, f'Oklahoma u f'Texas — ilkoll l-Amerka; imma aħna għandna pjazez u toroq imsemmijin għaliha — u aqwa minn pjazez u toroq għandna dedikati lilha tempju mill-aqwa f'Birkirkara, knisja fil-Furjana u kappelli f'tas-Sliema u fil-Mellieħa barra milli knejjes u kappelli oħra kellna fil-Belt Valletta, f'Bormla, fix-Xagħra, fix-Xewkija u oħra bejn Sannat u l-Munxar — l-aħħar tlieta ġewwa Għawdex.

Fi ftit kliem, mela nispiċċa billi ngħid:—

Mill-Maltin, Jum Santa Liena
Bir-raġun b'jum kbir ingħadd
Għax li fih faraġ intradd
Mill-Istorja jaf kulħadd.

---

### IL-BANDA "LA VALETTE"

**wara li ddoqq marċi minn Mannarino Road għal Valley Road tesegwixxi dan il programm il-Ħadd, 20 ta' Awissu, 1950.**

| | | |
|---|---|---|
| ROSSINI | **Semiramide** | Sinfonia |
| PONCHIELLI | **LaGioconda** | Fantasia |
| MASCAGNI | **L'Amico Fritz** | Intermezzo |
| BORODIN | **Prince Igor** | Danze |
| BIZET | **Carmen** | Fantasia |

LA VALETTE HYMN — PONTIFICAL HYMN
INNU MALTI — GOD SAVE THE KING.

**Mro. G. CAMILLERI**
**Director.**

---

### IL. - "KING'S OWN BAND"

**wara li ddoqq marċi minn High Street għal St. Franais Square tesegwixxi dan il-programm il-Ħadd 20 ta' Awissu 1950.**

| | | |
|---|---|---|
| Sinfonia | **La Forza del Destino** | VERDI |
| Fantasia | **I Puritani** | BELLINI |
| Inno al Sole | **Iris** | MASCAGNI |
| Danza delle Ore e Finale 3° | **La Gioconda** | PONCHIELLI |
| Overture | **Le Franc Juges** | BERLIOTZ |

BAND MARCH — INNU S. ELENA — INNU MALTI
GOD SAVE THE KING

**Mro. J. CASAPINTA F.L.C.M.**
**Direttur.**

---

### LIL SANT' ELENA IMP. AWG.

**PADRUNA TA' BIRKIRKARA**

Sliem għalik, o 'Mperatriċi,
O maħbuba tas-Salib,
Li d-Divina Providenza
Lilek qanqlet biex issib.

Is-Salib, o Ruħ qaddisa,
Ftit taż-żmien qabel instab
Il-famuż Kostantin Ibnek
Lilu jara f'dija u sħab.

F'dik id-dehra prodiġjuża
Kliem ta' qawwa lilu ntqal:
"Ikkumbatti, mur u irbaħ,
Basta ġġib dan is-Sinjal."

B'għaġeb kbir tad-dinja kollha
Kbar vittorji mar iġib
Kontra l-kiefer kbir Massenzju
Bis-sinjal minn tas-Salib.

Malajr ibnek lilek sejjaħ
Wara rebħa tant sabiħa,
Biex ta' Kristu s-Salib tfittex
B'fidi ħajja, b'fidi sħiħa.

"Omm minn tiegħi", mar hu
Lilek jixraq dan l-unur: [għidlek
Is-Salib għażiż, imqaddes
Biex issibu fittex mur".

B'liema qawwa inti lqajtu
Dan il-kliem kollu qdusija
Biex issib il-għażiż marqad
Li miet fuqu il-Messija.

Int mort tgħidlu: "Iva, ibni,
Għax hekk ma jistax ikun
L-aħna ngħixu fil-palazzi
U s-Salib jibqa' midfun.

O għażiż iben minn tiegħi,
Jien immur ġol-Palestina.
'L Alla nitlob b'qalbi kollha
Biex dil-grazzja Hu jagħtina.

Li s-Salib naraw imqaddes
U nqimuh mad-dinja kollha
Is-Salib li 'l Kristu Sidna
Fuq il-Golgota kien għolla.

Bil-għajnuna tal-kbir Alla,
Għax Hu magħna jrid ikun,
Jien inwaqqa', nfarrak kollo
Basta ma jibqax midfun.

Akkost illi r-Renju nfaqqar
Għall-imħabba t'Alla tiegħi,
Ħalli x-xorti kbira jkolli
Li s-Salib inħaddan miegħi."

4 ta' Lulju 1950.

ANT. BONAVIA